SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

20 ta' Ottubru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proprjetà industrijali u kummerċjali — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Direttiva 93/98/KEE — Artikolu 10(2) — Perijodu ta' protezzjoni — Assenza ta' stabbilment mill-ġdid tal-protezzjoni b'riżultat tal-Konvenzjoni ta' Berna"

Fil-Kawża C-169/15

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Benelux Gerechtshof (qorti tal-ġustizzja tal-Benelux), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' April 2015, fil-proċedura

Montis Design BV

vs

Goossens Meubelen BV,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, M. Vilaras, J. Malenovský (Relatur), M. Safjan u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Marzu 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Montis Design BV, minn F. Berndsen u C. Van Vlockhoven, advocaten,

— għal Goossens Meubelen BV, minn M. Scheltema, S. Kingma u P. Lodestijn, advocaten,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u T. Rendas, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Loewenthal u J. Samnadda, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 10(2) u tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE, tad-29 ta' Ottubru 1993, li tarmonizza d-dewmien ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ċerti drittijiet relatati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 141).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Montis Design BV (iktar 'il quddiem "Montis") u Goossens Meubelen BV (iktar 'il quddem "Goossens") dwar vjolazzjoni potenzjali, min-naħa ta' Goossens, tad-dritt tal-awtur miżmum minn Montis fir-rigward tal-mudelli ta' siġġijiet "Charly" u "Chaplin".

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt internazzjonali

Il-Konvenzjoni ta' Berna

3 L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-protezzjoni tax-xogħlijiet litterali u artistiċi (Att ta' Pariġi tal-24 ta' Lulju 1971), fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mill-emenda tat-28 ta' Lulju 1979 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Berna"), jipprovdi:

"It-tgawdija u l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet ma huma suġġetti għall-ebda formalità; din it-tgawdija u dan l-eżerċizzju huma indipendenti mill-eżistenza tal-protezzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tax-xogħol. Għaldaqstant, minbarra d-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni, il-portata tal-protezzjoni kif ukoll tar-rimedji ggarantiti lill-awtur sabiex jipproteġi d-drittijiet tiegħu, għandhom ikunu rregolati esklużivament skont il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż fejn tiġi invokata l-protezzjoni."

Il-Ftehimiet WTO u TRIPS

4 Il-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ (iktar 'il quddiem il-"Ftehim TRIPS") ġie ffirmat fil-15 ta' April 1994 f'Marrakech. Dan it-trattat, li jinsab fl-Anness 1 C tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (iktar 'il quddiem il-"Ftehim WTO"), ġie approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE, tat-22 ta' Diċembru 1994, dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80).

5 Il-Ftehim WTO u l-Ftehim TRIPS daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995. Madankollu, skont l-Artikolu 65(1) tal-Ftehim TRIPS, il-Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) ma kellhomx l-obbligu li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim qabel l-iskadenza ta' perijodu ġenerali ta' sena li kellu jiddekorri mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim WTO, jiġifieri qabel l-1 ta' Jannar 1996.

6 L-Artikolu 9(1) tal-Ftehim TRIPS jipprovdi:

"Il-Membri [tad-WTO] għandhom iħarsu lejn l-Artikoli 1 sa 21 tal-Konvenzjoni ta' Berne (1971) u l-Appendiċi tagħha [...]"

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 93/98

7 Il-premessa 27 tad-Direttiva 93/98 kienet tiddikjara:

"Billi rispett għad-drittijiet miksuba u espettazzjonijiet leġittimi huwa parti mill-ordni legali tal-Komunità; billi l-Istati Membri jistgħu jipprovdu b'mod partikolari li f'ċerti ċirkustanzi d-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati li joħorġu skond din id-Direttiva ma jagħtux lok għall-ħlasijiet minn persuni li jkunu jassumu in bona fide l-isfruttar tax-xogħlijiet fil-ħin meta dawn ix-xogħlijiet kienu fl-isfera pubblika".

8 L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva kien jipprovdi:

Id-drittijiet ta' awtur ta' xogħol artistiku [jew] letterarju skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Berna għandhom idumu tul il-ħajja ta' l-awtur u għal 70 sena wara mewtu, irrispettivament mid-data meta x-xogħol ikun legalment disponibbli għall-pubbliku."

9 L-Artikolu 10(2) u (3) tal-imsemmija direttiva kien jipprovdi:

"2. Id-dewmien ta' protezzjoni li hemm provdut dwarhom f'din id-Direttiva għandhom japplikaw għax-xogħlijiet kollha li huma protetti f'għall-inqas Stat Membru wieħed, fid-data msemmija fl-Artikolu 13(1), skond id-Disposizzjonijet nazzjonali fuq id-drittijiet ta' l-awtur jew drittijiet relatati jew li jissodisfaw il-kriterji għall-protezzjoni skond id-Direttiva KEE/92/100.

3. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull att ta' sfruttament imwettaq qabel id-data msemmija fl-Artikolu 13(1). Stati Membri għandhom jadottaw id-disposizzjonijet meħtieġa biex jipproteġu b'mod partikolari drittijiet miksuba ta' pajjiżi barranin [minn terzi]."

10 L-Artikolu 13(1) tal-istess direttiva kien jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' l-Artikoli 1 sa 11 ta' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1995."

Id-Direttiva 92/100/KEE

11 L-Artikolu 2(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/100/KEE, tad-19 ta' Novembru 1992, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 120), kien jipprovdi:

"Din id-Direttiva ma tirregolax id-drittijiet tal-kiri u self relatati mal-bini u max-xogħlijiet ta' l-arti applikata."

Id-dritt tal-Benelux

12 Il-Liġi uniformi tal-Benelux dwar id-disinni u l-mudelli, li t-termini tagħha ġew adottati permezz tal-konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru 1966 (*Tractatenblad* 1966, Nru 292, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Liġi uniformi"), daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1975. Skont l-Artikolu 12 ta' din il-liġi, ir-reġistrazzjoni ta' preżentata ta' disinn jew ta' mudell hija valida għal perijodu ta' ħames snin, li jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata.

13 L-Artikolu 21 tal-Liġi uniformi kien jipprovdi:

"1. Disinn jew mudell li għandu natura artistika notevoli jista' jkun protett kemm permezz ta' din il-liġi u kemm permezz tal-liġijiet dwar id-drittijiet tal-awtur, jekk il-kundizzjonijiet għal-applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ leġiżlazzjonijiet ikunu ssodisfatti.

[...]

3. L-annullament tal-preżentata ta' disinn jew ta' mudell li jkollu natura artistika notevoli jew l-estinzjoni tad-dritt esklużiv li jirriżulta mill-preżentata ta' tali disinn jew mudell jimplikaw l-estinzjoni simultanja tad-dritt tal-awtur dwar dan id-disinn jew mudell fil-każ li ż-żewġ drittijiet ikunu jappartjenu lill-istess detentur; madankollu, din l-estinzjoni ma sseħħx jekk id-detentur tad-disinn jew tal-mudell jagħmel, konformement mal-Artikolu 24, dikjarazzjoni speċjali fis-sens li qiegħed iżomm id-dritt tal-awtur tiegħu."

14 L-Artikolu 24(1) u (2) ta' din il-liġi kien jipprovdi:

"1. Id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 21[(3)] għandha titwettaq fil-forom u permezz tal-ħlas ta' taxxa li għandhom jiġu ffissati permezz ta' regolament ta' implementazzjoni, matul is-sena li tippreċedi l-estinzjoni tad-dritt esklużiv għad-disinn jew għall-mudell [...]

2. Id-dikjarazzjoni għandha tkun irreġistrata u r-reġistrazzjoni għandha tkun pubblika."

15 Id-dikjarazzjoni tal-motivi dwar il-konvenzjoni u l-Liġi uniformi tal-Benelux dwar id-disinni u l-mudelli tindika:

"Artikolu 21

[...] Il-[paragrafu 3] huwa maħsub sabiex jikkonċilja r-rekwiżiti tas-sigurtà tal-pubblika u l-possibbiltà li jiġu akkumulati ż-żewġ protezzjonijiet. Fil-fatt, huwa mixtieq li r-reġistru jagħti l-iktar stampa sħiħa possibbli tal-mudelli protetti.

Għal dan il-għan, [dan il-paragrafu] jipprevedi l-obbligu, għall-awtur li jkun qies utli li jipproteġi ruħu wkoll permezz tal-preżentata ta' mudell, li jwettaq dikjarazzjoni speċjali, bħala prinċipju qabel ma jintemm id-dritt għall-mudell. Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-pubbliku, deher indispensabbli li l-assenza ta' tali dikjarazzjoni tiġi ssanzjonata b'mod pjuttost sever; id-dritt tal-awtur li ma jiġix iddikjarat jintemm fl-istess ħin bħad-dritt għall-mudell, li miegħu kien akkumulat [...]

Artikolu 24

Bħala prinċipju, id-dikjarazzjoni għandha ssir qabel ma jintemm id-dritt għall-mudell.

[...]"

16 Il-punt U tal-Protokoll li jemenda l-Liġi uniformi tal-Benelux dwar id-disinni u l-mudelli, magħmul fi Brussell fl-20 ta' Ġunju 2002 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2003, jipprovdi:

"Il-Kapitolu II, intitolat "Disinni u mudell li għandhom natura artistika notevoli", huwa emendat kif ġej:

[...]

2. L-Artikoli 21 u 24 huma mħassra.

[...]"

17 Il-kummentarju konġunt tal-Gvernijiet tal-pajjiżi tal-Benelux dwar il-Protokoll tal-20 ta' Ġunju 2002 li jemenda l-Liġi uniformi tal-Benelux dwar id-disinni u l-mudelli jiddikjara:

"L-Artikolu 21[(3)], u l-korollarju tiegħu, l-Artikolu 24, kien dejjem fil-mira ta' ħafna kritika. Skont dawn l-artikoli, il-persuna li jkollha kemm id-dritt għad-disinn jew għall-mudell u kemm id-dritt tal-awtur dwar prodott għandha, jekk tkun tixtieq iżżomm id-dritt tal-awtur wara l-annullament jew l-estinzjoni tad-dritt għad-disinn jew għall-mudell, twettaq dikjarazzjoni ta' żamma għal dan il-għan, li tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-Benelux. Dak iż-żmien, l-artikolu kien iddaħħal fil-[Liġi uniformi] għaliex il-pubblikazzjoni tad-drittijiet li fir-rigward tagħhom kienet invokata l-protezzjoni kienet tikkostitwixxi wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-[Liġi uniformi]. Minn dak iż-żmien lil hawn, il-Hoge Raad [der Nederlanden] ikkonfermat li din id-dispożizzjoni ma hijiex konformi mal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna, li teżiġi li t-tgawdija u l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur ma għandhom ikunu suġġetti għall-ebda formalità fir-rigward tax-xogħlijiet li fir-rigward tagħhom l-awturi huma protetti taħt il-Konvenzjoni (HR 26 ta' Mejju 2000, RvdW 2000, 141). L-Artikolu 9 tal-Ftehim TRIPS ukoll jobbliga lill-Istati Kontraenti josservaw dan l-artikolu tal-Konvenzjoni ta' Berna. L-elementi msemmija jiġġustifikaw it-tħassir tal-Artikolu 21[(3)] u tal-Artikolu 24."

Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi

18 Id-Direttiva 93/98 kienet trasposta fid-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi permezz tal-Wet tot wijziging van de Auteurswet 1912 en de Wet op de naburige rechten (Liġi li temenda l-Liġi dwar id-dritt tal-awtur tal-1912 u l-Liġi dwar id-drittijiet relatati), tal-21 ta' Diċembru 1995 (Stb. 1995, Nru 652). Din il-liġi daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 1995.

19 Wara l-emendi introdotti permezz tal-imsemmija liġi, l-Artikolu 51(1) tal-Auteurswet (Liġi dwar id-dritt tal-awtur), tat-23 ta' Settembru 1912, jipprovdi:

"Il-perijodi ta' protezzjoni previsti minn din il-liġi għandhom japplikaw, b'effett mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, għax-xogħlijiet li, fl-1 ta' Lulju 1995, huma protetti mil-liġi nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur f'minn tal-inqas wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew f'wieħed mill-Istati li huma partijiet fil-Ftehim tat-2 ta' Mejju 1992 dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

20 Montis tiddisinja u timmanifattura għamara.

21 Fl-1983, Gerard van den Berg, ex direttur u azzjonist maġġoritarju ta' Montis, iddisinja l-pultruna "Charly" u s-siġġu "Chaplin". Din il-pultruna u dan is-siġġu huma differenti minn xulxin f'termini ta' daqs iżda jixxiebhu fir-rigward tal-forma tagħhom. Fid-19 ta' April 1988, saret preżentata internazzjonali ta' mudell fir-rigward tal-pultruna "Charly" u tas-siġġu "Chaplin", li kienet tindika lil Montis bħala d-detentur tad-drittijiet relatati mal-mudelli u lil G. van den Berg bħala d-disinjatur. Din il-preżentata ġiet irreġistrata fit-12 ta' Lulju 1988.

22 Matul is-snin 1990, G. van den Berg ittrasferixxa d-drittijiet tal-awtur tiegħu fir-rigward ta' dawn is-siġġijiet lil Montis.

23 Meta ntemm il-perijodu ta' reġistrazzjoni għall-imsemmija mudelli, Montis naqset milli twettaq id-dikjarazzjoni ta' żamma prevista fl-Artikolu 21(3) tal-Liġi uniformi. Għaldaqstant, kemm id-drittijiet dwar il-mudelli u kemm id-drittijiet tal-awtur li kellha din il-kumpannija fir-rigward tas-siġġijiet ikkonċernati ntemmu fit-18 ta' April 1993.

24 Matul is-sena 2008, Montis ippreżentat, quddiem ir-rechtbank 's-Hertogenbosch (qorti ta' 's-Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi), rikors sostantiv kontra Goossens, għar-raġuni li din il-kumpannija kienet allegatament offriet għall-bejgħ, fil-ħwienet tal-għamara ġestiti minnha, il-mudell ta' siġġu "Beat" li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-awtur tagħha fir-rigward tas-siġġijiet "Charly" u "Chaplin". Fir-risposta tagħha, Goossens sostniet li, fl-assenza ta' dikjarazzjoni ta' żamma, dawn id-drittijiet tal-awtur kienu ġew estinti. Bi tweġiba għal dan l-argument, Montis sostniet, b'mod prinċipali, li d-drittijiet tal-awtur tagħha kellhom jitqiesu li kienu ġew stabbiliti mill-ġdid minħabba t-tħassir, fl-1 ta' Diċembru 2003, tal-Artikolu 21(3) tal-Liġi uniformi, tħassir li, skontha, għandu effett retroattiv. B'mod sussidjarju, Montis sostniet li d-drittijiet tagħha kellhom jitqiesu wkoll li ġew stabbiliti mill-ġdid b'konsegwenza tal-adozzjoni tad-Direttiva 93/98.

25 Wara li tiflet parzjalment il-kawża fl-ewwel istanza u fl-appell, Montis ippreżentat appell fil-kassazzjoni quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi).

26 Matul il-proċedura, il-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) ċaħdet l-argument invokat minn Montis fis-sens li wieħed mill-mudelli ta' siġġu kkonċernati kien għadu jibbenefika, fl-1 ta' Lulju 1995, minn protezzjoni fi Stat Membru ieħor minbarra r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, għar-raġuni li tali argument kien tressaq tardivament.

27 Peress li kellha dubji dwar il-konsegwenzi li kellhom jinstiltu mit-tħassir tal-Artikolu 21(3) u tal-Artikolu 24 tal-Liġi uniformi dwar id-drittijiet tal-awtur li kienu ġew estinti qabel fl-assenza ta' dikjarazzjoni ta' żamma, din il-qorti ressqet, permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 2013, żewġ domandi preliminari quddiem il-Benelux Gerechtshof (qorti tal-ġustizzja tal-Benelux).

28 Il-Benelux Gerechtshof (qorti tal-ġustizzja tal-Benelux) tqis li d-dubji mqajma mill-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxx) jistgħu jeżistu biss jekk, fi kwalunkwe każ, id-Direttiva 93/98 ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, fil-każ ta' estinzjoni ta' dritt tal-awtur qabel it-tħassir tal-Artikolu 21(3) tal-Liġi uniformi, din l-estinzjoni għandha titqies li hija definittiva.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Benelux Gerechtshof (qorti tal-ġustizzja tal-Benelux) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-perijodu ta' protezzjoni msemmi fl-Artikolu 10, moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 93/98 huwa applikabbli għad-drittijiet tal-awtur li kienu inizjalment protetti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur, iżda li ġew estinti qabel l-1 ta' Lulju 1995 minħabba li ma ssodisfawx jew ma ssodisfawx fil-ħin rekwiżit proċedurali, senjatament l-assenza ta' preżentazzjoni jew ta' preżentazzjoni fil-ħin ta' dikjarazzjoni ta' żamma kif prevista fl-Artikolu 21(3) (preċedenti) tal-Liġi uniformi [...]?

2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda hija fl-affermattiv:

Id-Direttiva 93/98 għandha tiġi interpretata fis-sens li din tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timplika li d-drittijiet tal-awtur fuq xogħol tal-arti applikata li huma estinti qabel l-1 ta' Lulju 1995 minħabba li ma jkunux issodisfaw rekwiżit proċedurali għandhom jitqiesu li huma definittivament estinti?

3) Fil-każ li r-risposta għat-tieni domanda hija fl-affermattiv:

Jekk id-drittijiet tal-awtur inkwistjoni għandhom jitqiesu mġedda jew li ġew imġedda f'xi żmien partikolari skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, minn liema data seħħ dan it-tiġdid?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tieni domandi

30 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi, fl-ewwel lok, jekk l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) tagħha, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-perijodi ta' protezzjoni previsti minn din id-direttiva japplikaw għal drittijiet tal-awtur li kienu inizjalment protetti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali iżda li kienu ġew estinti qabel l-1 ta' Lulju 1995. Fit-tieni lok, hija qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk id-Direttiva 93/98 tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, inizjalment, kienet tat protezzjoni taħt id-drittijiet tal-awtur lil xogħol, bħal fil-kawża prinċipali, iżda li, sussegwentement, ipprevediet l-estinzjoni definittiva ta' dawn id-drittijiet minħabba li ma kienx ġie ssodisfatt rekwiżit formali.

31 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98 jipprovdi li l-perijodi ta' protezzjoni previsti minn din id-direttiva għandhom japplikaw għax-xogħlijiet kollha u għall-oġġetti kollha li, fid-data msemmija fl-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva, jiġifieri fl-1 ta' Lulju 1995, kienu, b'mod alternattiv, protetti minn tal-inqas fi Stat Membru wieħed fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur jew dwar id-drittijiet relatati, jew kienu jissodisfaw il-kriterji ta' protezzjoni stabbiliti fid-Direttiva 92/100.

32 Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta, kif l-Avukat Ġenerali osserva fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, minn naħa, li x-xogħlijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu inizjalment protetti fl-Istat Membru fejn qiegħda tiġi invokata l-protezzjoni, iżda li din il-protezzjoni kienet sussegwentement ġiet estinta, qabel l-1 ta' Lulju 1995, u, min-naħa l-oħra, li għandu jitqies li, f'dik id-data, dawn ix-xogħlijiet ma kienu protetti fl-ebda Stat Membru ieħor.

33 Madankollu, l-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tissuġġerixxi li, f'ċerti każijiet, l-implementazzjoni ta' din l-ewwel kundizzjoni tista' twassal għall-istabbiliment mill-ġdid ta' drittijiet estinti permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata, qabel id-data prevista fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 93/98, u li ma humiex protetti fuq it-territorju ta' Stat Membru ieħor, ipoteżi din li timplika li l-perijodi ta' protezzjoni previsti minn din id-direttiva japplikaw għax-xogħlijiet li l-protezzjoni tagħhom taħt id-drittijiet tal-awtur kienet stabbilita mill-ġdid b'dan il-mod fl-istat li kien jeżisti qabel din l-estinzjoni.

34 F'dan ir-rigward, għandu madankollu jiġi osservat li l-użu, fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, tal-preżent indikattiv sabiex jiġu espressi ż-żewġ kundizzjonijiet alternattivi għall-applikazzjoni tal-perijodi ta' protezzjoni previsti minn din id-direttiva jindika li l-leġiżlatur jixtieq li jinstiltu konsegwenzi legali mis-sitwazzjoni eżistenti preċiżament fl-1 ta' Lulju 1995 u mhux f'data qabel jew wara din id-data.

35 Għaldaqstant, jekk, minħabba l-estinzjoni tad-drittijiet tal-awtur b'applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali partikolari, qabel id-data prevista fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 93/98, dawn id-drittijiet ma kinux għadhom protetti f'din id-data, skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, il-perijodi ta' protezzjoni previsti minn din tal-aħħar ma japplikawx għax-xogħol ikkonċernat.

36 Din is-soluzzjoni leġiżlattiva timplika l-osservanza tal-prinċipju ta' drittijiet kweżiti li għalih tirreferi l-premessa 27 tad-Direttiva 93/98. Fil-fatt, dan il-prinċipju jista' japplika preċiżament għall-atti ta' sfruttament ta' xogħlijiet magħmula *in bona fide* b'effett mill-mument li fih dawn ix-xogħlijiet ma kienu jibbenefikaw mill-ebda protezzjoni.

37 Għalhekk, għandu jitqies li l-ewwel kundizzjoni prevista fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-perijodi ta' protezzjoni previsti mill-imsemmija direttiva ma japplikawx għad-drittijiet tal-awtur li kienu inizjalment protetti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali iżda li kienu ġew estinti qabel l-1 ta' Lulju 1995 u li ma humiex protetti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

38 Il-fatt li, milli jidher, l-estinzjoni ta' dawn id-drittijiet tal-awtur, qabel l-1 ta' Lulju 1995, ma kinitx kompatibbli mal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna, li jipprovdi li t-tgawdija u l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-awtur ma għandhom ikunu suġġetti għall-ebda formalità, ma huwiex ta' natura li jdaħħal inkwistjoni din il-konklużjoni.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat, fl-ewwel lok, li l-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li jkopri, permezz tal-ewwel kundizzjoni prevista fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, ix-xogħlijiet u l-oġġetti li huma protetti "skond id-Disposizzjonijet nazzjonali fuq id-drittijiet ta' l-awtur jew drittijiet relatati". Minn dan isegwi li din id-dispożizzjoni la għandha l-għan u lanqas l-effett li tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom din il-protezzjoni setgħet tiġi estinta qabel l-1 ta' Lulju 1995, kwistjoni din li baqgħet irregolata mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali applikabbli.

40 Fit-tieni lok, huwa minnu li mill-Artikolu 9(1) tal-Ftehim TRIPS, li ġie approvat f'isem l-Unjoni, jirriżulta li din għandha tikkonforma ruħha, b'mod partikolari, mal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna. Madankollu, mill-Artikolu 65(1) tiegħu jirriżulta li dan il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995, jiġifieri kemm wara d-data li fiha ġiet adottata d-Direttiva 93/98, jiġifieri d-29 ta' Ottubru 1993, u kemm wara d-data li fiha din id-direttiva daħlet fis-seħħ, jiġifieri d-19 ta' Novembru 1993. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, skont l-Artikolu 65(1) tal-Ftehim TRIPS, l-Unjoni ma kellhiex l-obbligu li tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim qabel l-1 ta' Jannar 1996.

41 Għaldaqstant, l-obbligu li d-Direttiva 93/98 tiġi interpretata inkonformità mal-Ftehim TRIPS ma jistax, fi kwalunkwe każ, jimplika li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 10(2) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li drittijiet tal-awtur li kienu ġew estinti qabel l-1 ta' Lulju 1995, skont regola nazzjonali li milli jidher ma hijiex konformi mal-Konvenzjoni ta' Berna, għandhom jibbenefikaw, minħabba din l-estinzjoni, mill-perijodi ta' protezzjoni previsti mill-imsemmija direttiva.

42 Fir-rigward tat-tieni waħda mill-kundizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni, għandu jiġi kkonstatat li, kif osservat il-qorti tar-rinviju, is-siġġijiet li fir-rigward tagħhom Montis kellha drittijiet tal-awtur sat-18 ta' April 1993 huma xogħlijiet tal-arti applikata, li ma humiex koperti mid-Direttiva 92/100, li, skont l-Artikolu 2(3) tagħha, ma tinkludix dritt ta' kiri u ta' self fir-rigward tagħhom. Minn dan jirriżulta, fi kwalunkwe każ, li l-imsemmija direttiva ma setgħetx stabbilixxiet kriterji ta' protezzjoni fir-rigward ta' tali xogħlijiet.

43 Għaldaqstant, jidher li ebda waħda miż-żewġ kundizzjonijiet alternattivi previsti fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98 ma hija ssodisfatta.

44 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-Direttiva 93/98 għandha titqies li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali ta' tħassir, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma tipproduċix effetti ta' stabbiliment mill-ġdid u li, għalhekk, iżżomm estinti b'mod definittiv drittijiet, u dan minkejja l-fatt li l-estinzjoni ta' dawn tal-aħħar, qabel l-1 ta' Lulju 1995, ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna.

45 B'dan premess, għandu jiġi osservat li din il-konstatazzjoni ma tipprekludix li l-Istat Membru kkonċernat, f'kawża bħal dik fil-kawża prinċipali, jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu li joħorġu mill-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Berna u jassumi l-konsegwenzi tal-istabbiliment tar-responsabbiltà tiegħu li tirriżulta minn eventwali ksur ta' din il-konvenzjoni.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel u għat-tieni domandi hija li:

— L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 93/98, moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-perijodi ta' protezzjoni previsti minn din id-direttiva ma japplikawx għal drittijiet tal-awtur li kienu inizjalment protetti minn leġiżlazzjoni nazzjonali iżda li kienu ġew estinti qabel l-1 ta' Lulju 1995.

— Id-Direttiva 93/98 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, inizjalment, kienet tat, bħal fil-kawża prinċipali, protezzjoni taħt id-drittijiet tal-awtur lil xogħol iżda li, sussegwentement, ipprevediet l-estinzjoni definittiva ta' dawn id-drittijiet, qabel l-1 ta' Lulju 1995, minħabba l-fatt li ma kienx issodisfatt rekwiżit formali.

Fuq it-tielet domanda

47 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel u għat-tieni domandi, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda.

Fuq l-ispejjeż

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE, tad-29 ta' Ottubru 1993, li tarmonizza d-dewmien ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur u ċerti drittijiet relatati, moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-perijodi ta' protezzjoni previsti minn din id-direttiva ma japplikawx għal drittijiet tal-awtur li kienu inizjalment protetti minn leġiżlazzjoni nazzjonali iżda li kienu ġew estinti qabel l-1 ta' Lulju 1995.

Id-Direttiva 93/98 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, inizjalment, kienet tat, bħal fil-kawża prinċipali, protezzjoni taħt id-drittijiet tal-awtur lil xogħol iżda li, sussegwentement, ipprevediet l-estinzjoni definittiva ta' dawn id-drittijiet, qabel l-1 ta' Lulju 1995, minħabba l-fatt li ma kienx issodisfatt rekwiżit formali.

Firem